# *Sant'Elena fil-knejjes tagħna*

**André Azzopardi**

Il-kult lejn il-qaddisa patruna ta' Birkirkara mhux xi wieħed li beda dan l-aħħar iżda jmur lura għal mijiet ta' snin. Fl-1402 diġà kienet teżisti kappella fl-Għargħar li kienet iddedikata lil din il-qaddisa. F'dan l-artiklu sejjer nagħti ħarsa lejn xi kwadri li huma ddedikati lil Sant'Elena u li jinsabu fil-knejjes tagħna.

Naħseb li wieħed mill-isbaħ kwadri li jeżistu fil-knejjes parrokkjali hu dak lil jirrappreżenta lil din il-qaddisa qiegħda tgħożż fi ħdanha lis-Salib Imqaddes u fl-isfond jidher l-Isqof ta' Ġerusalemm u l-istatwa miksura ta' Venere li taħt it-tempju pagan tagħha kien midfun is-sinjal tas-salvazzjoni tagħna. Dan il-kwadru jinsab fil-knisja parrokkjali ta' Birkirkara u hu xogħol tal-pittur Senglean Franġisku Zahra (1710 -1773). Sar fl-1763.

Fil-knisja ta' Santa Marija magħrufa wkoll bħala l-Knisja l-Qadima, kien hemm kwadru tal-injam fuq l-altar maġġur li kien juri l-Madonna mal-qaddisin San Pawl Appostlu, Sant'Elena, il-Lunzjata u l-Kurċifiss.[1]




Kwadru ieħor xogħol tal-Karkariż il-Professur Ġużeppi Briffa jinsab fil-Każin tal-Banda Sant'Elena. Ix-xbieha hi mqiegħda f'kappella fi ħdan l-istess każin u jintuża meta l-banda tagħti xi kunċert mużikali.[2]

F'Bormla wkoll teżisti pittura għal din il-qaddisa. Din kienet fil-mina prinċipali tal-Bieb imsejjaħ ta' Santa Liena. Iżda sfortunatament dan inqala' minn fejn kien u tqiegħed ieħor minn floku. Dan il-bieb jagħmel parti minn sur li ġie mibni fuq disinn magħmul mill-Kardinal De Firenzuola taħt il-Granmastri Ramon

1. Vella E.B., *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha*, 1934, pp 90.
2. Frans Pullicino, *75 Sena ta' Storja*, 1994, pp 88.

Perellos u M. A. Zondadari. Tajjeb illi wieħed igħid ukoll illi f'Bormla kien hemm kappella dedikata lil Santa Liena li ġiet imwaqqfa mill-Kavalier Franċiż Fra Pietro de La Fantaine, Kommendatur ta' Chanterième fl-1557.

Fil-knisja ta' Porto Salvu fil-Ħamrun, li ġiet mibnija minn Pankrazju Briffa u mbierka mill-Isqof Alferan de Bussan, ukoll insibu kwadru li flimkien ma' kwadri oħra jidher li għalkemm mhux magħruf min pittru, kellu id artistika tajba ħafna.




Kwadru ddedikat lis-sejba tas-Salib Imqaddes kien jinsab fil-knisja li l-patrijiet Franġiskani Kappuċċini għandhom fil-Furjana. Ġie mpitter mit-Taljan Filippo Paladini fuq il-ġild iżda ntilef bil-gwerra li għaddiet flimkien ma' diversi oġġetti oħra li kien hemm f'din il-knisja. Fl-1955 il-Prof. Ġużeppi Briffa pitter kwadru ieħor għall-knisja li naraw illum. F'dan il-kwadru tradizzjonali jidher sewwa s-Salib tal-Fidwa, b'Santa Liena u San Makarju mdawrin miegħu. Illum dan il-kwadru, wieħed jista' jarah fil-Mużew tal-Provinċja Kappuċċina Maltija fil-Furjana flimkien ma' oġġetti prezzjużi oħrajn. [3]

Il-qima lejn Sant'Elena fil-Parroċċa tal-Mellieħa hija antika ħafna. Dan nistgħu narawh fil-fatt li inti u dieħel fuq il-lemin tal-Knisja Parrokkjali għandek issib kwadru li jurina mara qaddisa ta' mezz'età bis-Salib u ħdejha binha Kostantinu. Id-devozzjoni ddaħlet minn Dun Ġużeppi Magri, Karkariż, li kien kappillan hemmhekk, wasslet sabiex in-nies ta' dawk l-inħawi jqabbdu lill-pittur magħruf Malti Ġużeppi Calì, li kien joqgħod f'lukanda msejħa Ta' Ġiljan, sabiex dan jagħmel il-kwadru lil din il-qaddisa. [4]

Trittiku sabiħ li jinsab fil-Knisja Parrokkjali ta' San Girgor I Papa f'tas-Sliema jurina lil Marija Omm Alla flimkien ma' Sant'Anjeże Verġni u Martri u Santa Liena. Dan it-trittiku hu xogħol sabiħ ferm tal-pittur Taljan Elio Coccoli (1880 - 1974). [5]

Il-Konfraternità ta' Sant'Elena fil-Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt Valletta kienet fratellanza tal-arġentiera u dawk li xogħolhom kien li jaħdmu fid-deheb.

---

3. Rev. Francis Azzopardi OFM Cap., *Programm tal-Festa 1993*, 'Sant'Elena al Calvario'.
4. *Programm Banda Duke of Connaught*, Festa 1994, pp 31.
5. Winston Zammit, *Il-Madonna u tas-Sliema*.

Fratellanza oħra bħal din kienet dik ta' San Eġidju mwaqqfa fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù fil-Belt Valletta. Bħal fratellanzi l-oħra kollha, din ukoll kellha l-kappella tagħha li żgur kienet teżisti qabel is-sena 1632. Dan nafuh għaliex f'

Elena bis-Salib ma' ġenbha. Illum dan il-kwadru sabiħ u artistiku jinsab fl-Oratorju tal-Fratellanza tal-Karità. Din il-konfraternità spiċċat fl-1903 u dak kollu li kienet tippossedi għadda f'idejn il-Fratellanza tal-Karità li twaqqfet f'Mejju tal-1611. Sfortunatament, l-arkivju tal-Fratellanza ta' Sant'Elena ġie meqrud matul l-aħħar gwerra. Fil-galleriji ta' l-Orgni ta' l-Oratorju tal-Fratellanza tal-Karità, li twaqqaf minn Pietro u Luisa Massa nsibu wkoll kwadru ta' Sant'Elena Imperatriċi. [6]



F'Għawdex ukoll hemm xi kwadri li fihom tidher din il-qaddisa.

Fil-kappella dedikata lil Sant'Elena fi Ġnien is-Sultan fis-Sannat li kienet imwaqqfa żgur sas-sena 1575, kellha artal tal-ġebel u fuqu kien hemm xbieha ta' din il-qaddisa. Din ġiet ipprofonata nhar it-22 ta' Jannar, 1630 u l-piżijiet tagħha ttieħdu fil-Knisja ta' San Ġwann il-Battista fix-Xewkija. [7]

Fuq il-ġnub ta' l-artal ta' Santa Margerita patruna tas-Sannat, bejn l-1608 u l-1615, fil-knisja l-qadima tas-Sannat, kienu nbnew żewġ artali żgħar tal-ġebel. Dawn kienu nieqsa minn kollox u lanqas seta' jiġi ċċelebrat is-sagrifiċċju tal-quddiesa fuqhom. Iżda aktar tard dawn iż-żewġ artali żdiedu fl-importanza għax ġew ipprofonati l-knejjes tal-kampanja fl-inħawi, tqiegħdu fuqhom il-kwadri li kien hemm fihom. Fl-1667, fuq l-artal tat-Tramuntana kien hemm il-kwadru ta' Santa Marija li qabel kien imdendel fil-kappella li kien hemm fil-Qortin. Fuq dak tan-naħa tan-Nofs in-nhar kien hemm kwadru ta' Santa Liena. Iżjed tard dawn l-artali tneħħew minħabba raġunijiet ta' spazju. [8]

Fil-knisja parrokkjali preżenti dedikata lil Santa Margerita wieħed jista' jara li fil-kappellun tal-Kurċifiss fis-saqaf mpitter miż-Żejtuni Toussaint Busuttil jidhru

6. Tagħrif bil-miktub mir-Rev. Kan. John Ciarlò.
7. Rev. Joseph Bezzina, *Sannat fi Ġrajjiet Għawdex*, 1989, pp 76.
8. Rev. Joseph Bezzina, *Sannat fi Ġrajjiet Għawdex*, 1989.

Santa Liena u San Makarju. Din ġiet restawrata flimkien mal-bqija tas-saqaf fi żmien l-Arċipriet Nikola Vella. [9]

Kwadru ieħor ta' Sant'Elena jinsab fil-Bażilika Kolleġġjata ta' San Ġorġ fir-Rabat. Dan hu mpitter biż-żejt.

It-tagħrif mogħti hawn fuq jurina li din il-qaddisa, li mhux xi waħda popolari fostna, xorta waħda għandha kult storiku li ntiseġ fl-istorja artistika ta' pajjiżna. J'Alla aħna li qegħdin nimxu din il-mixja fuq il-passi tagħha hawn fl-art, immorru ngawduha fis-sbuħija kollha tagħha fis-sema, pajjiżna.

9 ta' Jannar 1996

*ĦAJR LIL: Rev. Arċipriet tas-Sannat Tarċisju Camilleri, Guido Lanfranco, Rev. Kan. Nikol Vella Apap, Salvatore Zammit u Winston Zammit.*

---

9. Rev. Joseph Bezzina, *Sannat fi Ġrajjiet Għawdex*, 1989, pp 444.